Nru. 17,939
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 4 ta' Lulju, 2006
Tuesday, 4th July, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2006 Nru. V Anno Domini 2006 No. V

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) George Hyzler
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-4 ta' Lulju, 2006, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 4 ta' Lulju, 2006.

B'Awtorità,

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) George Hyzler
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 4th day of July, 2006, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 4th day of July, 2006.

By Authority,

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 578

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,937 u 17,938 tas-27 u t-30 ta' Ġunju, 2006, rispettivament.

A.L. Nru. 141 ta' l-2006: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni ta' l-2006 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

A.L. Nru. 142 ta' l-2006: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2006 dwar Studenti Ospitati (Taxxa fuq l-*Income)*.

A.L. Nru. 143 ta' l-2006: *Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) (Amendment) Regulations, 2006.*

A.L. Nru. 144 ta' l-2006: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Maniġġ ta' Bagalji fil-Portijiet.

A.L. Nru. 145 ta' l-2006: Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port.

L-4 ta' Lulju, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 578

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,937 and 17,938 of the 27th and the 30th June 2006, respectively.

L.N. No. 141 of 2006: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No. 3) Order, 2006.

L.N. No. 142 of 2006: Income Tax Act (Cap. 123); Hosting of Students (Income Tax) Rules, 2006.

L.N. No. 143 of 2006: Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 144 of 2006: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Ports (Handling of Baggage) Regulations, 2006.

L.N. No. 145 of 2006: Port Workers Ordinance (Cap. 171); Port Workers (Amendment) Regulations, 2006.

4th July, 2006

Nru. 579

NOMINA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 579

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	18-25.07.06

L-4 ta' Lulju, 2006

4th July, 2006

Nru. 580

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr J.M. Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	13-30.7.2006

L-4 ta' Lulju, 2006

No. 580

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

4th July, 2006

Nru. 581

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Kummissjoni dwar l-Għajnuna Finanzjarja

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-Att dwar l-Għajnuna Finanzjara lill-Industrija tal-Biedja u tas-Sajd (Kap. 146), il-Kummissjoni dwar l-Għajnuna Finanzjarja ġiet kostitwita kif ġej għas-sena 2006:

Chairperson

Is-Sur Anthony Mifsud, H.N.D. (Agric), Direttur ta' l-Agrikoltura

Membri

Dott. Marica Gatt, B.Sc. (Hons) Biology and Chemistry, M.Sc. Virology, Ph.D. (Agric), Dipartiment ta' l-Agrikoltura

Dott. Audrey Buttigieg Vella, LL.D, Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali

Is-Sur Paul Galea, B.A. (Hons) Econ., Ministeru għall-Affarijiet Rural u l-Ambjent

Is-Sur Joseph Seychell, Ministeru tal-Finanzi

Is-Sur Carmel Portelli, Ministeru għal Għawdex

Is-Sur Emanuel Zahra, Bord tal-Koperattivi

Segretarja

Ms Audrey Saliba

L-4 ta' Lulju, 2006

No. 581

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Financial Assistance Commission

IT is notified for general information that in terms of the Agricultural and Fisheries Industries (Financial Assistance) Act (Cap. 146) the Financial Assistance Commission has been constituted as follows for the year 2006:

Chairperson

Mr Anthony Mifsud, H.N.D. (Agric), Director of Agriculture

Members

Dr Marica Gatt, B.Sc. (Hons) Biology and Chemistry, M.Sc. Virology, Ph.D. (Agric), Department of Agriculture

Dr Audrey Buttigieg Vella, LL.D, Attorney General's Office

Mr Paul Galea, B.A. (Hons) Econ., Ministry for Rural Affairs and the Enviornment

Mr Joseph Seychell, Ministry of Finance

Mr Carmel Portelli, Ministry for Gozo

Mr Emanuel Zahra, Co-Operatives Board

Secretary

Ms Audrey Saliba

4th July, 2006

Nru. 582

ATT TA' L-1966 DWAR L-IMMUNITAJIET U L-PRIVILEĠĠI DIPLOMATIĊI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1966 dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ordna illi matul il-kariga tagħhom mar-*Regional Marine Pollution Emergency Response Centre for the Mediterranean Sea* (REMPEC), l-Uffiċjali li ġejjin għandhom igawdu l-immunitajiet u l-privileġġi msemmija fit-Tieni Skeda Taqsima II ta' l-Att ta' l-1966 dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, b'seħħ mid-data tal-ftehim rispettiv mar-REMPEC - IMO.

Senior Programme Officer	Is-Sur Darko Domovic (Kroazja)
Programme Officer	Is-Sur Jonathan Pace (Malta)
Programme Officer	Ms Lilia Khodjet El Khil (Tuniżija)
Project Officer	Is-Sur Joseph Zerafa (Malta)
Project Officer	Is-Sur Albert Bergonzo (Franza)
Junior Programme Officer	Ms Pascale Bouveret (Franza)
Administrative/ Financial Assistant	Is-Sur Christopher Sacco (Malta)
Information Assistant/ Documentalist	Ms Doreen Stellini (Malta)
Assistant to the Director	Ms Michele Mangion (Malta)
Administrative Assistant	Is-Sur André Sammut (Malta)
Secretary/ Administrative Assistant	Ms Amanda Bonavia (Malta)
Clerk/Secretary	Ms Francesca Borg (Malta)
Technical Assistant (Logistics)	Is-Sur Mario Bonello (Malta)

L-14 ta' Ġunju, 2006

No. 582

DIPLOMATIC IMMUNITIES AND PRIVILEGES ACT, 1966

IN exercise of the powers conferred by section 5 of the Diplomatic Immunities and Privileges Act, 1966, the Minister of Foreign Affairs has ordered that during their terms of office with the Regional Marine Pollution Emergency Response Centre for the Mediterranean Sea (REMPEC), the following officials shall enjoy the immunities and privileges specified in the Second Schedule Part II of the Diplomatic Immunities and Privileges Act, 1966, with effect from the date of the respective agreements with REMPEC - IMO.

Senior Programme Officer	Mr Darko Domovic (Croatia)
Programme Officer	Mr Jonathan Pace (Malta)
Programme Officer	Ms Lilia Khodjet El Khil (Tunisia)
Project Officer	Mr Joseph Zerafa (Malta)
Project Officer	Mr Albert Bergonzo (France)
Junior Programme Officer	Ms Pascale Bouveret (France)
Administrative/ Financial Assistant	Mr Christopher Sacco (Malta)
Information Assistant/ Documentalist	Ms Doreen Stellini (Malta)
Assistant to the Director	Ms Michele Mangion (Malta)
Administrative Assistant	Mr André Sammut (Malta)
Secretary/ Administrative Assistant	Ms Amanda Bonavia (Malta)
Clerk/Secretary	Ms Francesca Borg (Malta)
Technical Assistant (Logistics)	Mr Mario Bonello (Malta)

14th June, 2006

Nru. 583

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifika ta' Konċentrazzjoni

SKOND ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż

No. 583

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

IN terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in the Legal Notice 294 of

Legali 294 tal-2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi notifika ta' konċentrazzjoni bejn Sparkaase Bank Malta plc u Quest Investment Services Limited saret u ġiet aċċettata nhar l-Erbgħa 28 ta' Ġunju 2006.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Sparkaase Bank Malta plc ta' kontroll dirett b'kuntratt ta' Quest Investment Services Limited.

Is-setturi ekonomiċi involuti huma dawk tas-servizzi bankarji u investimentarji.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet bil-miktub għandhom jaslu għand id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta
Cannon Road
Sta Venera – CMR02
Malta

It-28 ta' Ġunju, 2006

Nru. 584

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifika ta' Konċentrazzjoni

SKOND ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 ta' l-2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi notifika ta' konċentrazzjoni bejn Arla Foods Holdings A/S and Tholstrup International B.V. saret u ġiet aċċettata nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2006.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Arla Foods Holdings A/S ta' kontroll dirett b'kuntratt ta' Tholstrup International B.V.

2002, the Director of the Office for Fair Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Sparkaase Bank Malta plc and Quest Investment Services Limited was filed and accepted on Wednesday, 28th June, 2006.

The nature of the concentration is an acquisition by Sparkaase Bank Malta plc of direct control by contract of Quest Investment Services Limited.

The economic sectors involved are those of banking and investment services.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on this notified concentration.

Such observations should reach the Director of the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notification at the following address:

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Cannon Road
Sta.Venera – CMR02
Malta

28th June, 2006

No. 584

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Arla Foods Holdings A/S and Tholstrup International B.V. was filed and accepted on Friday 30 June 2006.

The nature of the concentration is an acquisition by Arla Foods Holdings A/S of direct control by contract of Tholstrup International B.V.

Is-settur ekonomiku involut huwa dak ta' prodotti tal-ħalib.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet bil-miktub għandhom jaslu għand id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta
Cannon Road
Sta Venera – CMR02
Malta

It-3 ta' Lulju, 2006

The economic sector involved is the dairy sector.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on this notified concentration.

Such observations should reach the Director of the Office for Fair Competition within seven days following publication of this notification at the following address:

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Cannon Road
Sta.Venera – CMR02
Malta

3rd July 2006

Nru. 585

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
113	Juniper Court Balluta Mansions Triq il-Kulleġġ Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	28/06/2006
114	62, Triq Amery Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	28/06/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

L-4 ta' Lulju, 2006

No. 585

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

4th July, 2006

Nru. 586

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Programm Nazzjonali ta' Malta fuq l-Apikultura

Avviż għall-Applikazzjoni tal-Għajnuna

IL-PROGRAMM Nazzjonali ta' Malta fuq l-Apikultura tfassal sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u s-suq ta' prodotti ta' l-Apikultura. It-trobbija tan-naħal huwa settur fl-Agrikoltura li l-funzjonijiet prinċipali tiegħu huma l-attività ekonomika u l-iżvilupp rurali, il-produzzjoni tal-għasel u ta' prodotti oħrajn, id-dakra tas-siġar u l-pjanti u li jinżamm il-bilanċ ekoloġiku.

Bażi Legali

Il-bażi legali għal dawn il-miżuri tniżżlet fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 797/2004 u Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 917/2004, it-tnejn li jikkonċernaw l-għajnuna diretta li tingħata fuq il-miżuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni kif ukoll il-promozzjoni tal-prodotti ta' l-Apikultura. Din l-applikazzjoni ta' għajnuna tagħmel riferenza għall-Avviż Legali Nru. 110 tal-1992 u l-Avviż Legali Nru. 213 tal-2004. Il-pagamenti se jsiru permezz ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Avviż Legali Nru. 126 tal-2004.

Oġġettiv

Biex tiġi kkumpensata l-industrija ta' min irabbi n-naħal għall-problemi li qed tiffaċċja billi:
(a) Tkun imtejba l-produzzjoni.
(b) Issir promozzjoni tal-prodotti ta' l-Apikultura

Azzjonijiet Eliġibbli

1) Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u l-għaqdiet relatati

(a) Assistenza teknika u tagħrif għal min irabbi n-naħal permezz ta' laqgħat mogħtija minn esperti b'riferenza għal kif jintgħaraf u jiġi kkontrollat il-mard kif ukoll għal kif jiġu mmaniġġjati l-kolonji.
(b) Assistenza teknika biex jiġu mgħarrfa l-aspetti legali tal-Apikultura.
(ċ) Preparazzjoni ta' fuljetti ta' informazzjoni

2) Kontroll tal-*Varroa*

(a) Tagħrif biex jingħarfu s-sintomi tal-Varroa u biex tiġi kkontrollata l-marda.
(b) Spezzjonar tal-kolonji u għoti ta' pariri b'konnessjoni mal-kontroll tal-*Varroa*.
(ċ) Akkwist tal-kimika neċessarja kontra l-*Varroa*.
(d) Monitoraġġ u evalwazzjoni ta' l-aħjar metodu għall-kontroll tal-*Varroa*.

3) Għajnuna għat-transport tan-naħal

Għajnuna biex ikunu jistgħu jinxtraw attrezzi żgħar li jintużaw għall-ġarr tan-naħal, eżempju: ċineg li jagħlqu l-kaxxi tan-naħal.

4) Għajnuna għal-laboratorji li jagħmlu analiżi tal-għasel.

(a) Jiġu analizzati kampjuni ta' għasel għall-kontenut kimiku.
(b) Għajnuna biex jiġi stabbilit laboratorju nazzjonali fejn tkun tista' ssir analiżi tal-għasel fuq bażi regolari.
(ċ) Taħriġ għall-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu janalizzaw l-għasel fil-laboratorju.

5) Għajnuna biex jiżdied in-numru ta' friegħ tan-naħal

(a) Assistenza teknika biex jitwaqqaf programm għall-produzzjoni ta' rġejjen tan-naħla Maltija.
(b) Assistenza biex jintgħażlu razez ta' naħal li għandhom kwalitajiet tajbin.
6) Riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti tan-naħal

(a) Xogħol ta' riċerka ma' entitajiet speċjalizzati fuq l-impatt tal-*Varroa* f'Malta u biex jinstab l-aħjar mudell ta' trattament li jkun adattat għall-klima tagħna.
(b) Xogħol ta' riċerka fuq il-produzzjoni u benefiċċju għas-saħħa tal-*propolis*, *royal jelly*, *pollen* u *bee venom*.

Benefiċjarji Eliġibbli

Kull min hu rreġistrat mas-Sezzjoni ta' l-Apikultura kif ukoll kull min irabbi n-naħal u l-għaqdiet tan-naħal jistgħu japplikaw għal dawn il-fondi. Dawk kollha li japplikaw u għadhom mhumiex irreġistrati mas-Sezzjoni ta' l-Apikultura se jiġu rreġistrati immedjatament wara li tintlaqa' l-applikazzjoni tagħhom.

Dawk l-għaqdiet tan-naħal jew min irabbi n-naħal li jkunu diġà ħadu xi għajnuna mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1257/99 li kien jitratta l-Iżvilupp Rurali jew mill-fondi EAGGF, mhumiex eliġibbli.

Dokumenti Neċessarji

(a) Kopja tal-Karta tal-Identità
(b) Fil-każ ta' Għaqda, l-Istatut u l-lista tal-membri bid-dettalji ta' kull membru, inklużi n-numru ta' kolonji u friegħ u l-postijiet fejn qed jinżammu
(ċ) Fil-każ ta' Għaqda li tapplika għall-fondi taħt il-miżura numru wieħed (Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u għaqdiet relatati) iridu jiġu ppreżentati: Programm fid-dettall ta' attivitajiet, Pjan Finanzjarju, Ittra uffiċjali ta' Awtorizzazzjoni kif ukoll Rapport ta' Evalwazzjoni (wara li jseħħ il-Programm). Aktar dettalji jinstabu fil-Manwal tal-Proċeduri ver. 2.0.

Promozzjoni tal-Miżuri

Dawn il-miżuri se jiġu ppubblikati għal min ikun interessat li japplika permezz ta':

(a) Avviż pubbliku fil-medja lokali
(b) Materjal informattiv li jkun jista' jinġabar mis-Sezzjoni ta' l-Apikultura

Il-Fondi Allokati

L-applikanti se jieħdu fondi skond id-dettalji ta' l-applikazzjoni tagħhom, speċjalment fuq in-numru ta' kolonji u frieħ. L-ammont ta' flus disponibbli, kif ukoll in-numru ta' applikazzjonijiet se jiġu kkunsidrati. Taħt l-ebda ċirkustanza l-ammont ta' flus allokati mil-UE u mil-Gvern ta' Malta mhu se jaqbeż il-figuri li jidhru fit-tabella hawn taħt.

L-ammont totali ta' fondi allokati għal dawn il-miżuri huwa ta' 9,098 Euro għas-sena 2006 u din is-somma ma tistax tinqabeż.

Tabella 1: Fondi allokati

Miżura	**Kontribuzzjoni KE** **Euro**	**Kontribuzzjoni Gvern ta' Malta** **Euro**	**Total** **Euro**
Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u l-għaqdiet relatati	639	639	1278
Kontroll tal-*Varroa*	1341	1341	2682
Għajnuna għat-trasport tan-naħal	48	48	96
Għajnuna għal-laboratorji li jagħmlu analiżi tal-għasel	2073	2073	4146
Għajnuna biex jiżdied in-numru ta' frieħ tan-naħal	192	192	384
Riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti tan-naħal	256	256	512
Total: Euro	**4548**	**4548**	**9098**

Is-Sezzjoni tal-Apikultura, f'isem id-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-Aġenzija tal-Pagamenti tista' tnaqqas persentaġġ mil-ammont ta' flus dovut bħala penali jekk tinstab xi diskrepanza fl-applikazzjoni u tista' wkoll titlob il-flus kollha lura mingħand l-applikant. Din in-notifika, bil-miktub, tkun effettiva mingħajr il-bżonn ta' proċeduri legali. Is-Sezzjoni ta' l-Apikultura m'hi se taċċetta ebda notifika ta' oġġezzjoni bil-miktub taħt l-ebda ċirkustanza.

Il-Monitoraġġ tal-Programm

Is-Sezzjoni ta' l-Apikultura hija responsabbli biex tikkoordina u tagħmel monitoraġġ tax-xogħol involut f'dan il-programm. Hija għandha tirċievi informazzjoni regolari mingħand l-applikanti u se tkun responsabbli għall-evalwazzjoni u l-ispezzjonijiet.

Applikazzjoni

L-applikazzjonijiet se jkunu disponibbli biex jimtlew u jintbagħtu fiċ-Ċentru Nazzjonali ta' Riċerka u Żvilupp fl-Agrikoltura, l-Għammieri, il-Marsa u fl-Uffiċċju tal-IACS, Ministeru għal Għawdex mit-Tnejn, 17 ta' Lulju sal-Ġimgħa, 28 ta' Lulju, 2006 mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Applikazzjonijiet li jidħlu wara d-data tal-għeluq ma jiġux ikkunsidrati.

L-4 ta' Lulju, 2006

No. 586

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Malta National Programme for Apiculture

Notice for Aid Application

THE Malta National Programme for Apiculture was set up to improve the production and marketing of Apiculture products. Beekeeping is a sector of agriculture the main functions of which are economic activity and rural development, the production of honey and other products of the hive, the pollination of trees and plants and the maintenance of ecological balance.

Legal Basis

The legal basis for these regulations are set according to the Commission Regulation (EC) No. 797/2004 and Commission Regulation (EC) No. 917/2004, both related to direct measures for the improvement of the production and marketing of apiculture products. The application for aid also makes reference to Legal Notice No. 110 of 1992 and Legal Notice No. 213 of 2004. The payments are channeled through the Paying Agency as per provisions of Legal Notice No. 126 of 2004.

Objective

To compensate the Beekeeping Industry for the problems encountered thereby ensuring:
(a) An improvement in production.
(b) Promotion of various apiculture products.

Eligible Actions

1) Technical assistance to Beekeepers and groupings of Beekeepers

(a) Provision of formal training courses and technical assistance given by beekeeping experts with reference to disease recognition, control strategies and colony management.
(b) Technical assistance in addressing legal aspects related to the Apiculture industry.
(c) Preparation of information leaflets.

2) Control of *Varroa*

(a) Training beekeepers to diagnose and control *Varroa*.
(b) Colony inspections and provision of advice in connection with *Varroa* control.
(c) Acquisition of varroacides.
(d) Monitoring and evaluation of the best control strategies for the control of *Varroa*.

3) Rationalization of transhumance

Provision for the funding of small equipment used for the movement of hives e.g. closure belts for hive boxes.

4) Measures to support laboratories that analyse honey

(a) Chemical analysis of honey samples.
(b) Provision to set up a national laboratory for the routine analysis of honey.
(c) Training of staff to be able to analyse honey in the laboratory.

5) Measures to support the restocking of hives

(a) Technical assistance for the setting up of a programme for the rearing of Maltese honeybee queens
(b) Assistance for the selection of races of bees having good characteristics

6) Research in beekeeping and bee products

(a) Research work with specialized bodies on the impact of *Varroa* in Malta and to explore optimal treatment regimes for the local climatic conditions
(b) Research work on the production and health potential of propolis, royal jelly, pollen and bee venom

Eligible Beneficiaries

All registered beekeepers and beekeeping associations may apply for these funds. All the beekeepers who apply for these funds and are not registered with the Apiculture Section will be registered immediately after the submission of their application.

Those entities that have already obtained financial support through Commission Regulation (EC) No. 1257/99 on support for the rural development or from the EAGGF funds, are not eligible.

Supporting Documents

(a) Copy of the Identity Card
(b) In the case of an Association, the statute and a detailed list of members including the personal details, number of colonies and nuclei and the apiary site/s of each member
(c) In case of an Association applying for funding under measure one (Technical assistance to Beekeepers and groupings of Beekeepers) a detailed Programme of Activities, a Financial Plan, an official Authorisation Letter and an Evaluation Report (after the execution of the programme) should be presented. Further details in the Manual of Procedures ver. 2.0

Promotion of Measures

The measures will be published to interested applicants by means of:

(a) Public announcement disseminated through the local media.
(b) Information material which can be collected from the Apiculture Section

Financial Provisions

Applicants shall be funded according to the details presented in their application, in particular to the number of colonies and nuclei. The funding limit and the number of applications will be taken in consideration. Under no

circumstance, the funding allocated by the EU and the Government of Malta will exceed the figures reported in the table below.

The total funding allocated for these measures for the year 2006 amounts to 9,098 Euros. This sum cannot be exceeded.

Table 1: Funds allocation for each measure

Measure	**EU Contribution** **Euro**	**Government of Malta Contribution** **Euro**	**Total** **Euro**
Technical assistance to beekeepers and groupings of beekeepers	639	639	1278
Control of *Varroa*	1341	1341	2682
Rationalization of transhumance	48	48	96
Support for laboratories carrying out honey analysis	2073	2073	4146
Measures to support restocking of hives	192	192	384
Research in beekeeping and bee products	256	256	512
Total: Euro	**4548**	**4548**	**9098**

The Apiculture Section, on behalf of the Department of Agriculture and the Paying Agency may affect a percentage reduction to the amount due as a penalty in case of a discrepancy in the application and may also claim a full refund from the applicant. This claim, which will be in writing, will be affective without resort to any legal proceedings. The Apiculture section under no circumstance will accept any written objection to the claim.

Monitoring of the Programme

The Apiculture section will be responsible for coordinating and monitoring the work involved in the programme. It shall receive regular feedback from the applicants and will be responsible for evaluation and inspections.

Applications

The applications will be available for filling in and submission at the National Agricultural Research and Development Centre, Għammieri Marsa, and at the IACS Office, Ministry for Gozo between Monday, 17th July and Friday, 28th July, 2006 between 8.00 a.m. and noon.

Applications submitted after the closing date will not be taken into consideration.

4th July, 2006

Oġġetti Misjuba u Kkonsenjati lill-Pulizija

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perijodu April, Mejju u Ġunju, 2006.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETT
10.04.06	Rota	Antoine Mallia
21.04.06	Flus	Natalina Scerri
21.04.06	Kamera tar-ritratti	PC 580 Ismael Mercieca
21.04.06	*Mobile phone*	Robert Barun
12.05.06	*Mobile phone*	Jane Vella
12.05.06	Brazzuletta	Richard Seguna
19.05.06	Kamera tar-ritratti	Serban Emanuel Ion
19.05.06	Kamera tar-ritratti	Anthony Caruana
19.05.06	Portmoni/flus/karti	Mario Moncada
29.05.06	Ġiżirana	Staffan Doclener
09.06.06	Kartiera/ċwievet/flus	Marion Sultana
09.06.06	*Mobile phone*	Carmela Zammit
09.06.06	Nuċċali tax-xemx	Christian Caruana
09.06.06	Kamera tar-ritratti	Emanuel Delia
30.06.06	*Camera case*/*video cassettes*/*souvenir*/ġiżirana/*wire*/lapes	Andrew Scicluna
30.06.06	Ġiżirana	Gianfranco Gauci
30.06.06	Flus/misluta	Paul Vella
30.06.06	Ġiżirana	Mary Galea Debono
30.06.06	Nuċċali tal-vista	Francesco Said

L-4 ta' Lulju, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema R

Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati

B'riferenza għal Skema R - Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Frar, 1999 l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2006.

L-4 ta' Lulju, 2006

4th July, 2006

HOUSING AUTHORITY

Scheme R

Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings

With reference to Scheme R - Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings, published in the Government Gazette of the 15th February, 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of the Scheme is being extended up till 31st December, 2006.

4th July, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema W

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern

B'riferenza għal Skema W - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Settembru, 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2006.

L-4 ta' Lulju, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema 'Y'

Sussidju ta' Mgħax fuq Self għad-Djar

B'riferenza għal Skema Y - Sussidju ta' Imgħax fuq Self għad-Djar, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru, 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2006.

L-4 ta' Lulju, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Ħamsa

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti

B'riferenza għal Skema Numru Ħamsa - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru, 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2006.

L-4 ta' Lulju, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Z

Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999

B'riferenza għal Skema Z - Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru, 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2006.

L-4 ta' Lulju, 2006

HOUSING AUTHORITY

Scheme W

Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings

With reference to Scheme W - Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings, published in the Government Gazette of the 11th September, 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of the Scheme is being extended up till 31st December, 2006.

4th July, 2006

HOUSING AUTHORITY

Scheme Y

Subsidy on Interest on House Loans (Private Sector)

With reference to Scheme Y - Subsidy on Interest on House Loans (Private Sector), published in the Government Gazette of the 8th October, 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 31st December, 2006.

4th July, 2006

HOUSING AUTHORITY

Scheme Number Five

Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis Scheme

With reference to Scheme Number Five - Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis, published in the Government Gazette of the 8th October, 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of the Scheme is being extended up till 31st December, 2006.

4th July, 2006

HOUSING AUTHORITY

Scheme Z

Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings

With reference to Scheme Z - Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings, published in the Government Gazette of the 8th October, 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of the Scheme is being extended up till 31st December, 2006.

4th July, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Sebgħa

Għajnuna Finanzjarja għal Persuni b'Diżabilità għall-Xogħijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati minnhom

B'riferenza għall-Iskema Numru 7 - Għajnuna Finanzjarja għal Persuni b'Diżabilità għal Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati minnhom ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru, 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2006.

L-4 ta' Lulju, 2006

HOUSING AUTHORITY

Scheme 7

Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works Related to their Disability in Residences Occupied by them

With reference to Scheme 7 - Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works Related to their Disability in Residences Occupied by them published in the Government Gazette of the 8th October, 1999, the Housing Authority wishes to notify the general public that the duration of the Scheme is being extended up till 31st December, 2006.

4th July, 2006

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa ta' Lm19,250,000 7.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2006 (II)

Skond u għall-finijiet ta' paragrafu 7 tad-Direttivi mill-Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm19,250,000 bis-7.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2006 (II) taħt l-Avviż Legali Nru. 58 ta' l-4 ta' April, 1996, l-*Accountant General* javża li l-i*Stock* imsemmi hawn fuq se jinfeda fl-1 ta' Awissu, 2006. L-imgħax dovut mit-2 ta' Frar, 2006 sa' l-1 ta' Awissu, 2006 jitħallas fl-1 ta' Awissu, 2006.

L-4 ta' Lulju, 2006

TREASURY NOTICE

Redemption of Lm19,250,000 7.25% Malta Government Stock 2006 (II)

Pursuant to and for the purposes of paragraph 7 of the Directives by the Minister of Finance for the issue of Lm19,250,000 7.25% Malta Government Stock 2006 (II) under Legal Notice No. 58 dated 4th April, 1996 the Accountant General confirms that the captioned Stock will be redeemed on the 1st August, 2006. Interest due from the 2nd February, 2006 to the 1st August, 2006, will be paid on the 1st August, 2006.

4th July, 2006

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa ta' Lm15,000,000 7.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2006 (III)

Skond u għall-finijiet ta' paragrafu 7 tad-Direttivi mill-Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm15,000,000 bis-7.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2006 (III) taħt l-Avviż Legali Nru. 127 tat-28 ta' Ġunju, 1996, l-*Accountant General* javża li l-i*Stock* imsemmi hawn fuq se jinfeda fl-1 ta' Awissu, 2006. L-imgħax dovut mill-21 ta' Jannar, 2006 sal-1 ta' Awissu, 2006 jitħallas fl-1 ta' Awissu, 2006.

L-4 ta' Lulju, 2006

TREASURY NOTICE

Redemption of Lm15,000,000 7.25% Malta Government Stock 2006 (III)

Pursuant to and for the purposes of paragraph 7 of the Directives by the Minister of Finance for the issue of Lm15,000,000 7.25% Malta Government Stock 2006 (III) under Legal Notice No.127 dated 28th June, 1996 the Accountant General confirms that the captioned Stock will be redeemed on the 1st August, 2006. Interest due from the 21st January, 2006 to the 1st August, 2006, will be paid on the 1st August, 2006.

4th July, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar (ENT Surgery)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta'*Senior Registrar (ENT Surgery)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar (ENT Surgery)* għandu salarju ta' Lm7,638 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,288 (Skala ta' Salarju Nru. 5).

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-ime* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tassisti lill-*Consultant ENT Surgeon* fit-tmexxija ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel operazzjonijiet ta' l-*ENT*, inklużi dawk serji, fil-limitu ta' l-esperjenza u t-taħriġ tagħha, taħt id-direzzjoni ġenerali u s-sorveljanza tal-Konsulenti immedjati tagħha.

5.3. Il-persuna nominata trid taħdem skond roster stabbilit u trid tmexxi t-tobba li jkunu xogħol ta' l-għassa fl-*ENT Surgery*. Tkun trid tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwar it-tmexxija kirurġika tal-pazjenti u tirreferi għall-Konsulent imsejjaħ għall-parir u direzzjoni skond kif ikun meħtieġ u xieraq.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (ENT Surgery) in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced medical practitioners for the posts of Senior Registrar (ENT Surgery) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (ENT Surgery) carries a salary of Lm7,638 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,288 (Salary Scale No. 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant ENT Surgeon in the overall management of patients.

5.2. The appointee will be required to operate ENT cases, including major surgery, within his/her experience and training under the overall direction and supervision of his/her immediate Consultants.

5.3. The appointee will perform duties according to established roster and will lead the ENT surgical team on duty. He/She will take all the relevant decisions involving surgical management of patients and will refer to the Consultant "on call" for advice and direction as necessary and appropriate.

5.4. The appointee will be required to participate in any

programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kirurġija jew ta' l-*ENT Surgery* u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-Konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija u tkun suġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' L-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'awk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(c) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-*ENT Surgery* (FRCS jew kwalifika ohra komparabbli xierqa) u tliet snin esperjenza fl-ispeċjalità ta' *ENT Surgery*

teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Surgery or ENT Surgery and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.5. The appointee will be responsible to his/her immediate Consultant and ultimately to the Chairman of the Department of Surgery and his/her duties will be subject to review as necessary from time to time.

5.6. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in ENT Surgery (FRCS or other appropriate comparable qualification) and three years post-registration experience in

wara r-reġistrazzjoni u wara li jkunu kisbu l-kwalifika msemmija hawn fuq.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form'(GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/ tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-Dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

the speciality of ENT Surgery following the attainment of the above-mentioned qualification.

